**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Sara Kathleen Zerafa)**

**Vs**

**Ahmed Tarek Migrief Ftis**

**Illum, 21 ta' Mejju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat li **Ahmed Tarek Migrief Ftis**, iben Mohammed Tarek Migrief u Fatima Mahmudi, imwieled il-Libja fit-18 ta' Ġunju 1976, bla residenza, u detentur ta' dokument maħruġ mill-Kummissarju tar-Refuġjati bin-numru 16462/13 ġie akkużat talli fit-23 ta' Novembru 2022, għall ħabta ta' disa' u nofs ta' filgħodu, minn Triq il-Kappillan Mifsud, Santa Venera u/jew fil-viċinanzi:

> *"1. Ikkommettejt serq ta electrical scooter u/jew ogetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur. Liema ammont ma jeċċedix l-elfejn tliet mija*

*u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin ċenteżmu (2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Clayton Failla u/jew persuni ohra;*

Il-Qorti ġiet mitluba fil-każ ta` ħtija, jingħata lilu l-addebitu tar-reċidivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta` ħtija, barra milli tinfliġġi l-piena skont il-liġi, jiġi kkundannat għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta.

Rat li waqt is-seduta tat-22 ta' April 2024 wara li l-uffiċjal prosekutur qara bil-ġurament l-akkużi miġjuba kontra l-imputat, huwa ammetta l-akkużi.

Rat li wara li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni lill-imputat u l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u wara li tagħat żmien lill-imputat biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu u tat ukoll iż-żmien biex jikkunsidra l-ammissjoni tiegħu mill-ġdid, u għal dan il-għan ipposponiet il-kawża, wara li reġgħet issejħet l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat illi l-Uffiċjal Prosekutur ippreżenta bil-ġurament tiegħu xi dokumenti sabiex jagħtu sfond għal dawn il-proċeduri.

Rat l-atti proċesswali kollha.

Semgħat it-trattazzjoni tal-avukati difensuri dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, din il-Qorti m'għandiex triq oħra ħlief li tgħaddi għas-sentenza u dan wara l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena li għandha tiġi nflitta fiċ-ċirkostanzi.

Din il-Qorti tqis li l-ħati ammetta ukoll li huwa reċidiv u għalhekk, anke jekk il-Prosekuzzjoni ma preżentatx il-provi kollha relattivi għall-addebitu tar-reċidiva xorta waħda dan l-addebitu jirriżulta soddisfaċentement ippruvat fid-dawl tal-istess ammissjoni.

Fir-rigward tal-piena din il-Qorti qed tikkonsidra l-fattur tal-ammissjoni fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri, l-fatt li l-imputat ikkopera u li għamel dan taħt l-influenza tal-alcahol. Jiġi allegat li fil-fatt huwa għandu l-vizzju tax-xorb u lest li jissottometti ruħu għal ordni ta' trattament. Ikkunsidrat ukoll li l-oġġett misruq baqa ma' ġiex irkuprat, u ma tħallasx l-ammont ta' dannu rekat mil-vittma.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-iskop tal-piena ma għandux ikun wieħed ta' tpattija. Il-piena ma għandhiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjeta' fil-konfront tal-ħati. Pero il-piena għandha diversi skopijiet fosthom li jiġi ripristinat it-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil ta' dak li jkun.

Il-Qorti għaldaqstant taqbel mal-partijiet li fiċ-ċirkostanzi, għal-diversi raġunijiet, l-imputat jingħata piena, wara li jingħata l-addebitu tar-reċidiva, li tkun fil-minimu tagħha.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279(a), 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat **Ahmed Tarek Migrief Ftis** detentur ta' dokument maħruġ mill-Kummissarju tar-Refuġjati bin-numru 16462/13 ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, kif minnu ammess, u wara li tagħtu l-addebitu tar-reċidiva tikkundannah għal-piena ta' seba' (7) xhur priġunerija.

Il-Qorti addizzjonalment wara li rat l-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-ħati għandu jħallas is-somma ta' ħames mija u ħamsin Ewro (€550). Il-ħlas għandu jsir fuq perjodu ta' sitt xhur, jiġifieri titħallas is-somma ta' mitt Ewro (€100) fl-aħħar tax-xahar bl-aħħar pagament ikun ta' ħamsin Ewro (€50). L-ewwel skadenza titħallas malli tiġi skontata l-piena karċerarja.

In oltre ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament, għar-riabilitazzjoni tiegħu mid-dipendenza tiegħu fuq l-alcahol, u dan għal perijodu ta' sena (1) skont il-kundizzjonijiet fid-digriet kontestwali, f'liema żmien huwa għandu joqgħod għar-

rakkomandazjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation li jiġi maħtur mid-Direttur tal-Probation u Parole. Il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi l-effetti ta' din l-Ordni.

Peress li ma jirriżultax li ġew maħtura xi esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta.

Fl-aħħarnett il-Qorti tordna l-kommunika ta' din is-sentenza u tad-digriet relattiv lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------